MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 328/2014

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**VS**

**Joseph Debattista K.I. numru 303562(M)**

**U b'digriet tal-21 t'April 2015 l-atti gew trasfuzi f'isem Georgina Gauci (500060M), Concetta Micallef (487563M), Maria Lourd Pisani (359967M), Raymond Debattista (67665M) u Tereza Falzon (128166M)**

**stante l-mewt ta' Joseph Debattista**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Bank of Valletta p.l.c. datat 15 t'April, 2014 guramentat minn Romuald Attard li jaqra hekk:

1. *"Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius datat 29 ta' Ottubru 2008 (Dok "A") is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lill-konvenut Joseph Debattista;*

2. *Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Joseph Debattista fis-somma ta' tmienja u sittin elf tmin mija u tmin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€68,808.22) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Accounts" ta' Joseph Debattista mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B" u Dok. "C1 sa C7") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-25 ta' Marzu 2014 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

3. *Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

4. *Illi l-konvenut gie nterpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 20 ta' Lulju 2012 li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. "D", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:-*

1. *Tikkundanna lil Joseph Debattista jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmienja u sittin elf, tmin mija u tmin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€68,808.22) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Accounts" ta' Joseph Debattista mal-Bank of Valletta p.l.c.(Dok. "B" u Dok. "C1 sa C7") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-25 ta' Marzu 2014 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Lulju 2012 kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-bank rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors guramentat;

Rat li l-atti tar-rikors guramentat, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimat skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota t'**ammissjoni** tal-intimat Joseph Debattista datata 29 ta'Mejju 2014 (a fol.41);

Rat id-digriet taghha tal-21 t'April 2015 li permezz tieghu l-atti gew trasfuzi f'isem Georgina Gauci (500060M), Concetta Micallef (487563M), Maria Lourd Pisani (359967M), Raymond Debattista (67665M) u Tereza Falzon (128166M) stante l-mewt tal-intimat Joseph Debattista (a fol. 44);

Rat il-verbal tal-21 ta' Mejju 2015 illi permezz tieghu, Dr. Bugeja ghall-eredi ta' Joseph Debattista, informat lil Qorti li l-kawza tista' tithalla ghas-sentenza in vista tal-ammissjoni;

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kaz;

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat u ezaminat il-provi dokumentari prodotti mill-bank attur u cioe' Dok. A, a fol. 4 tal-process, kuntratt f'Atti tan-Nutar Dr.Antoine Agius datat 29 t'Ottubru 2008 li permezz tieghu Joseph Debattista gie moghti facilita' bankarja cioe *overdraft* li ma kellux jeccedi il-hamsin elf Ewro ghas-self hemm indikat, b'interess semplici ta' anqas minn tmienja fil-mija (8%) – vide Dok. B u Dok. C1 sa C7.

Il-Qorti rat ukoll l-ittra ufficjali Dok. D a fol. 18 et seq.

Dawn il-provi ma huma bl-ebda mod kontradetti anzi jirrizulta illi, Joseph Debattista permezz tan-nota tieghu datata 29 ta'Mejju 2014 – (vide fol 41), **ammetta** t-talba tal-bank attur.

**Ghal dawn il-mottivi , l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-bank attur, bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba kontra l-intimati.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------